PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

1.9.2008 0066/2008

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Mikel Irujo Amezaga, Rebecca Harms u Csaba Sándor Tabajdi

dwar il-protezzjoni tal-għerien bħala wirt kulturali, naturali u ambjentali

Data ta' skadenza: 4.12.2008

**0066/2008**

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-protezzjoni tal-għerien bħala wirt kulturali, naturali u ambjentali**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni tal-Kultura Mondjali u l-Wirt Naturali,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fil-preżent m'hemmx liġi Ewropea jew direttiva dwar il-protezzjoni tal-għerien u l-kontenut tagħhom,

B. billi l-għerien jirrappreżentaw geotopi uniċi fil-wirt Ewropew, li jistgħu jiġu ppreservati biss billi jiġu protetti huma u l-ambjent tagħhom,

C. billi l-konservazzjoni  tal-elementi ta' wirt arkeoloġiku u speljoloġiku tipprovdi bażi għal aktar żvilupp soċjali u ekonomiku, li jkabbar l-integrazzjoni Ewropea,

1. Jistieden lill-Kummissjoni biex timplimenta b'mod effettiv protezzjoni kulturali, skond l-Artikolu 151 tat-Trattat tal-KE, fir-rigward ta' karsti u għerien bħala siti naturali, u postijiet kulturali, biex jiġi żgurat li l-miżuri biex jippromwovuhom jiġu inkorporati fil-politiki kollha tal-UE;

2. Jikkunsidra li l-miżuri biex jiġu żviluppati dawn iż-żoni, għandhom jinkludu:

   (a) stħarriġ sistematiku tal-għerien u l-madwar, u l-wirt ambjentali u arkeoloġiku tagħhom;

   (b) it-twaqqif ta' qafas leġiżlattiv biex jiggarantixxi l-protezzjoni tagħhom, u miżuri biex jiżguraw li bini ġdid u attivitajiet industrijali jkunu kompatibbli mal-wirt ambjentali u arkeoloġiku tal-madwar;

   (c) inċentivi għall-konservazzjoni tal-għerien, li jiżguraw li jkunu studjati minn speċjalisti bħal speleoloġi, ġeomorfoloġisti, arkeoloġi, bioloġisti, klimatoloġisti, eċċ;

   (d) għajnuna finanzjarja għall-proġetti, konservazzjoni u restawr;

3. Jistieden lill-Istati Membri, biex b'koperazzjoni mal-Kummissjoni, jippromwovu l-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-għerien u l-wirt arkeoloġiku tagħhom;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji lill-gvernijiet tal-Istati Membri, u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali.